

**Brussell, 2 ta' Lulju 2019  
(OR. en)**

**10173/19**

**ECOFIN 628  
UEM 231  
SOC 480  
EMPL 369  
COMPET 509  
ENV 600  
EDUC 315  
RECH 348  
ENER 352  
JAI 710  
FSTR 131  
REGIO 167**

**NOTA**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	9945/19 - COM(2019) 520 final
Suġġett:	Rakkomandazzjoni għal RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Awstrija għall-2019 u li tagħti l-opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-Awstrija għall-2019

---

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż l-abbozz ta' Rakkomandazzjoni tal-Kunsill imsemmi hawn fuq, kif rivedut u maqbul minn diversi kumitati tal-Kunsill, ibbażat fuq il-Proposta tal-Kummissjoni COM(2019) 520 final.

## **RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL**

### **dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Awstrija għall-2019 u li tagħti l-opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-Awstrija għall-2019**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-risoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

---

<sup>1</sup> ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

Billi:

- (1) Fil-21 ta' Novembru 2018, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li kien jimmarka l-bidu tas-Semestru Ewropew għall-2019 għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika. Hija ħadet kont debitu tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, iddikjarat mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni fis-17 ta' Novembru 2017. Il-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir ġew approvati mill-Kunsill Ewropew fil-21 ta' Marzu 2019. Fil-21 ta' Novembru 2018, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>2</sup>, il-Kummissjoni adottat ukoll ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih hija ma identifikatx lill-Awstrija bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru kellha ssir analiżi fil-fond. Fl-istess data, il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro, li ġiet approvata mill-Kunsill Ewropew fil-21 ta' Marzu 2019. Fid-9 ta' April 2019, il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro<sup>3</sup> ("Rakkomandazzjoni tal-2019 għaż-żona tal-euro"), li tagħti ħames rakkomandazzjonijiet għaż-żona tal-euro ("ir-rakkomandazzjonijiet għaż-żona tal-euro").
- (2) Bħala pajjiż li l-munita tiegħu hija l-euro u fid-dawl tar-rabtiet mill-qrib bejn l-ekonomiji fl-unjoni ekonomika u monetarja, jenħtieġ li l-Awstrija tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha tar-Rakkomandazzjoni tal-2019 għaż-żona tal-euro, kif riflessa fir-rakkomandazzjonijiet minn (1) sa (3) hawn taħt. B'mod partikolari, l-iffokar tal-politika ekonomika relatata mal-investment fuq oqsma speċifiċi se jgħin biex tiġi indirizzata t-tieni rakkomandazzjoni taż-żona tal-euro rigward l-appoġġ tal-investment, filwaqt li r-rakkomandazzjoni biex it-taxxi jiġu trasferiti lil hinn mix-xogħol tindirizza t-tielet rakkomandazzjoni taż-żona tal-euro rigward il-funzjonament tas-suq tax-xogħol.
- (3) Ir-rapport tal-pajjiż għall-2019 tal-Awstrija ġie ppubblikat fis-27 ta' Frar 2019. Dan ir-rapport ivvaluta l-progress tal-Awstrija fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati mill-Kunsill fit-13 ta' Lulju 2018<sup>4</sup>, is-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet adottati fis-snin preċedenti u l-progress tal-Awstrija lejn il-miri nazzjonali tagħha ta' Ewropa 2020.

<sup>2</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi (ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25).

<sup>3</sup> ĠU C 136, 12.4.2019, p. 1.

<sup>4</sup> ĠU C 320, 10.9.2018, p. 84.

- (4) Fl-24 ta' April 2019, l-Awstrija ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tagħha għall-2019 u l-Programm ta' Stabbiltà tagħha għall-2019. Sabiex jitqiesu r-rabtiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati fl-istess ħin.
- (5) Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi rilevanti għall-pajjiż ġew indirizzati fl-ipprogrammar tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej ("Fondi SIE") għall-perijodu 2014-2020. Kif previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>5</sup>, fejn ikun meħtieġ li jingħata sostenn għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill, il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru li jirrieżamina l-Ftehim ta' Sħubija u l-programmi rilevanti tiegħu u jipproponi emendi għalihom. Il-Kummissjoni pprovdiet iktar dettalji dwar kif tagħmel użu minn dik id-dispożizzjoni fil-linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-miżuri li jorbtu l-effettività tal-Fondi SIE ma' governanza ekonomika tajba.

---

<sup>5</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

- (6) Bħalissa l-Awstrija qiegħda fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u hija soġġetta għar-regola tad-dejn. Fil-Programm ta' Stabbiltà tiegħu għall-2019, il-gvern jistenna li d-defiċit normali jitjieb minn bilanċ pożittiv ta' 0,1 % tal-prodott domestiku gross (PDG) fl-2018 għal 0,3 % fl-2019 u jonqos b'mod inkrementali għal pożizzjoni baġitarja bbilanċjata fl-2023. Fuq il-bażi tal-bilanċ strutturali rikalkulat<sup>6</sup>, l-objettiv baġitarju fuq terminu medju – defiċit strutturali ta' 0,5 % tal-PDG – għadu qed jinqabeż matul il-perjodu tal-programm. Skont il-Programm ta' Stabbiltà, id-dejn pubbliku bħala proporzjon tal-PDG hu mistenni li jonqos gradwalment minn 73,8 % tal-PDG fl-2018 għal 59,8 % tal-PDG fl-2023. Ix-xenarju makroekonomiku li jirfed dawn il-projezzjonijiet baġitarji huwa favorevoli. Ir-riskji sottostanti tal-ippjanar baġitarju fuq terminu medju jidhru moderati u li jikkonċernaw prinċipalment l-implimentazzjoni mħabbra tal-iffrankar tal-ispejjeż fl-amministrazzjoni pubblika li għandhom jintużaw biex jiffinanzjaw ir-riforma ppjanata tat-taxxa fuq l-introjtu personali u korporattiv.
- (7) Fit-13 ta' Lulju 2018, il-Kunsill irrakkomanda lill-Awstrija li tilħaq l-objettiv baġitarju fuq terminu medju fl-2019, filwaqt li tqis il-marġnijiet marbuta mal-avvenimenti mhux tas-soltu li għalihom ingħatat devjazzjoni temporanja. Dan huwa konsistenti ma' rata ta' tkabbir nominali massima ta' nefqa primarja netta tal-gvern<sup>7</sup> ta' 2,9 %, korrispondenti għal titjib fil-bilanċ strutturali ta' 0,3 % tal-PDG. Abbażi tat-tbassir tar-rebbiegħa 2019 tal-Kummissjoni, il-bilanċ strutturali huwa mbassar li jitjieb minn -0,1 % tal-PDG fl-2019 u 0,0 % tal-PDG fl-2020, oġġla mill-objettiv baġitarju fuq terminu medju. L-Awstrija hija prevista li ser tikkonforma mar-regola tad-dejn fl-2019 u l-2020. Kumplessivament, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li fl-2019 u fl-2020 l-Awstrija hija mistennija li tikkonforma mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.

---

<sup>6</sup> Il-bilanċ aġġustat b'mod ċikliku nett għal miżuri ta' darba u temporanji, kif ikkalkulat mill-ġdid mill-Kummissjoni skont il-metodoloġija maqbula b'mod komuni

<sup>7</sup> In-nefqa primarja netta tal-gvern hi magħmula min-nefqa totali tal-gvern mingħajr in-nefqa marbuta mal-imgħax, in-nefqa marbuta mal-programmi tal-Unjoni kompletament koperti mid-dħul tal-fondi tal-Unjoni u mill-bidliet mhux diskrezzjonali fin-nefqa marbuta mal-benefiċċju tal-qgħad. Il-formazzjoni grossa tal-kapital fiss iffinanzjata fuq livell nazzjonali hija mifruxa fuq perijodu ta' erba' snin. Il-miżuri ta' dħul diskrezzjonali jew iż-żidiet tad-dħul b'mandat tal-liġi huma fatturati. Il-miżuri ta' darba fuq in-naħa kemm tad-dħul kif ukoll tal-nefqa huma esklużi.

- (8) L-Awstrija qed tiffaċċja riskji medji għas-sostenibbiltà fiskali fuq perjodu fit-tul. Dawn ir-riskji huma dovuti għaż-żieda prevista fin-nefqa pubblika fuq il-kura tas-saħħa, il-kura fit-tul u l-pensjonijiet. Filwaqt li l-kopertura tas-servizzi tal-kura tas-saħħa ġeneralment hija għolja fl-Awstrija, in-nefqa pubblika fuq il-kura tas-saħħa mistennija tiżdied b'1,3 punti perċentwali għal 8,3 % tal-PDG sal-2070 u għalhekk aktar mill-medja tal-Unjoni ta' 0,9 punti perċentwali. In-nefqa pubblika fuq il-kura fit-tul mistennija tirdoppja minn 1,9 % għal 3,8 % tal-PDG sal-2070. L-introduzzjoni tal-limiti tan-nefqa permezz tal-Liġi dwar l-Ugwalizzazzjoni Finanzjarja tal-2017 u r-Riforma dwar il-Kura tas-Saħħa Primarja bil-għan li titnaqqas id-dipendenza fuq is-settur tal-isptarijiet bdew jindirizzaw il-kwistjoni tas-sostenibbiltà. L-Att dwar l-Organizzazzjoni tas-Sigurtà Soċjali adottat reċentement jista' jinvolvi tfaddil fil-governanza u fl-ispejjeż amministrattivi iżda se jiġġenera spejjeż inizjali. L-effiċjenza tal-kwalità u l-kosteffiċjenza jiġu megħjuna aktar permezz ta' akkwist pubbliku iktar effettiv (pereżempju sejħiet għall-offerti fl-Unjoni kollha, l-użu ta' kriterji għall-għoti ta' kuntratti għajr il-prezz, u l-aggregazzjoni tal-offerti bejn ir-reġjuni) u użu usa' ta' soluzzjonijiet tas-saħħa elettronika. Fil-qasam tal-kura fit-tul, il-miżuri tal-politika reċenti bħad-deċiżjoni tal-abolizzjoni tar-rikors għall-assi privati ta' persuni biex jiffinanzjaw il-kura fit-tul ta' pazjenti rikoverati - huma mistennija li jżidu n-nefqa minflok jillimitawha.
- (9) L-infiq tal-pensjonijiet se jilħaq l-ogħla punt tiegħu fl-2036, flivell ta' 1,2 punti perċentwali tal-PDG oġġla mill-punt ta' referenza tal-2016. Ir-riformi tal-passat irnexxielhom jipprovdu inċentivi biex wieħed jirtira aktar tard (l-età effettiva tal-ħruġ mis-suq tax-xogħol żdiedet b'madwar 1,5 sena għall-irġiel u b'sena għan-nisa bejn l-2014 u l-2017). Madankollu, l-eliminazzjoni tad-distakk bejn l-età statutorja u l-età effettiva tal-irtirar tibqa' sfida u jenħtieġ li jiġu promossi ħajjiet itwal ta' xogħol. Barra minn hekk, l-aġġustament tal-età minima għall-irtirar kemm bikri kif ukoll statutorju jgħin biex titjeb is-sostenibbiltà fit-tul b'mod aktar effettiv fil-kuntast ta' soċjetà li qed tixjieħ. L-introduzzjoni ta' rabta awtomatika bejn l-età statutorja tal-irtirar u ż-żieda fl-istennija tal-għomor fil-futur jistgħu jnaqqsu n-nefqa pubblika għall-pensjonijiet. Tnaqqis bħal dan huwa stmat għal 2,4 punti perċentwali tal-PDG fl-2016-2070 u b'hekk pattiet għaż-żieda li kienet tkun ir-riżultat ta' politika mhux mibdula.

(10) Il-federaliżmu fiskali tal-Awstrija jwassal għal spariġġ sinifikanti bejn in-nefqa u r-responsabbiltajiet għall-ġbir tad-dħul fil-livell sottonazzjonali. Minflok ma jiddependu fuq l-awtonomija tat-taxxa, il-baġits sottonazzjonali huma alimentati minn sistema kumplessa ta' kondiviżjoni tat-taxxa u trasferimenti intergovernattivi. Dan ifixkel kemm it-trasparenza fiskali kif ukoll ir-responsabbiltà politika, u jipprovdi ftit inċentivi għal infiq pubbliku effiċjenti. L-Att tal-2017 dwar ir-Relazzjonijiet Fiskali introduċa serje ta' bidliet biex jissimplifika r-relazzjonijiet fiskali bejn livelli differenti tal-gvern. Il-bidliet jinkludu s-simplifikazzjoni tad-distribuzzjoni tat-taxxi kondiviżi, l-assenjar ta' sors proprju ta' dħul lil-*Länder*, u l-qbil dwar aktar riformi għal allokkazzjoni aktar trasparenti tar-responsabbiltajiet leġiżlattivi u eżekuttivi bejn il-livell tal-gvern. Rigward dan tal-aħħar, il-*Kompetenzbereinigungspaket* huwa l-ewwel pass lejn is-separazzjoni tar-responsabbiltajiet peress li dan jalloka mill-ġdid l-oqsma tal-politika komuni għal livell (esklussivament) federali jew għal-livell tal-*Länder*, u jnaqqas id-drittijiet reċiproċi tal-kunsens. Madankollu, il-liġi taffettwa biss għadd limitat ta' oqsma ta' politika.

(11) L-istruttura tat-taxxa tal-Awstrija hija kkaratterizzata minn piż kbir fuq ix-xogħol (taxxi fuq pagi u kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali). Il-piż mistenni jiżdied maż-żmien, sakemm il-kategoriji tat-taxxa ma jkunux indiċjati skont l-inflazzjoni. Meta kien fil-livell ta' 55,3 % fl-2017, is-sehem ta' taxxi fuq ix-xogħol fit-total ta' dħul mit-taxxa kien wieħed mill-ogħla fl-Unjoni (medja: 49.7 %). Ir-riformi reċenti, bħat-tnaqqis fil-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali għal dawk bi dħul baxx u impjegaturi kif ukoll il-ħelsien mit-taxxa għal ġenituri li jaħdmu pprovdut mill-Family Bonus plus il-ġdid, għenu biex jonqos il-porzjon tat-taxxa fuq ix-xogħol. Hemm lok għal bidla fil-portafoll ta' miżuri fiskali lejn sorsi li jappoġġaw tkabbir aktar inklużiv u tkabbir sostenibbli. B'mod partikolari, it-taxxi fuq il-proprjetà kienu relattivament favorevoli u progressivi, peress li dawk li jaqilgħu paga ogħla x'aktarx li jkollhom aktar patrimonju immobiljari. Madankollu, minħabba bażi tat-taxxa fil-biċċa l-kbira skaduta, id-dħul minn taxxi rikorrenti fuq il-proprjetà fl-Awstrija għadu baxx u ħafna inqas mill-medja tal-Unjoni. Ir-rivalutazzjoni tal-baży għat-taxxa tgħin biex jiġi iġġenerat aktar dħul u jiġu indirizzati kwistjonijiet ta' imparzjalità li jirriżultaw meta l-valuri tal-art/proprjetà immobbli jiġu diżakkoppjati mill-prezzijiet tas-suq. Taxxi effettivi, imfassla tajjeb u marbuta mal-ġid jistgħu jagħmlu s-sistema fiskali aktar ġusta, speċjalment fuq sfond ta' inugwaljanza qawwiya fil-ġid fl-Awstrija u fin-nuqqas ta' taxxi fuq il-wirt u d-donazzjonijiet. Finalment, taxxi ambjentali jgħinu biex jinternalizzaw l-esternalitajiet negattivi tal-użu tar-riżorsi u l-attivitajiet li jniġġsu relatati mas-saħħa u l-klima. F'dan il-kuntest, it-trattament preferenzjali tat-taxxa li tali aktivitajiet igawdu bħalissa għandu jiġi kkunsidrat mill-ġdid.

(12) Is-suq tax-xogħol qed jitjieb; madankollu, il-potenzjal mhux sfruttat tal-kapital uman qed ixekkel il-produttività u t-tkabbir fit-tul b'bidliet partikolarment meħtieġa għan-nisa, il-ħaddiema b'livell baxx ta' ħiliet, il-ħaddiema akbar fl-età u l-persuni li ġejjin minn kuntest ta' migrazzjoni. Minkejja li rata ta' impjieg tan-nisa hija ġeneralment għolja (l-Awstrija b'71,7 % versus l-Unjoni b'67,4 % fl-2018), l-għadd ta' impjieg full-time jibqa' pjuttost baxx. L-impjieg part-time tan-nisa huwa ferm ogħla mill-medja tal-Unjoni (l-Awstrija b'47,6 % versus l-Unjoni bi 30,8 % fl-2018) u huwa prinċipalment relatat ma' faċilitajiet insuffiċjenti għall-indukrar tat-tfal u sehem għoli ta' nisa li jwettqu kompiti mhux imħallsa marbutin mal-kura. It-tfassil attwali tal-provvista ta' servizzi għall-indukrar tat-tfal u liv relatat mal-familja ma jikkontribwixxux biżżejjed għall-opportunitajiet indaqs għall-irġiel u n-nisa fis-suq tax-xogħol. Aktar investiment f'servizzi affordabbli għall-indukrar tat-tfal full-time u skejjel għall-ġurnata sħiħa jgħinu aktar nisa jaħdmu full-time, jużaw aħjar il-potenzjal tan-nisa għas-suq tax-xogħol u jtejbju l-produttività u t-tkabbir inklużiv fit-tul. L-impjieg part-time tan-nisa jispjega wkoll sehem importanti tad-differenza mhux aġġustata bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa, li tibqa' viżibbilment ogħla mill-medja tal-Unjoni (l-Awstrija b'19,9 % versus l-Unjoni b'16,0 % fl-2017). Xpruni importanti oħra ta' dan id-distakk huma r-rappreżentanza żejda tan-nisa f'setturi b'paga baxxa, is-segregazzjoni relatata mal-għażla tal-edukazzjoni, in-nuqqas ta' rappreżentanza tan-nisa fil-pożizzjonijiet manigġerali u superviżorji u l-waqfiet fil-karriera. B'mod ġenerali, id-diskrepanza fid-dħul mill-pensjonijiet bejn is-sessi (l-Awstrija b'40,5 % versus l-Unjoni b'35,2 % fl-2017), hija prinċipalment ir-riżultat ta' dawn l-inugwaljanza fl-introjtu li jiġu ġġenerati matul il-ħajja tax-xogħol. Barra minn hekk, persuni b'impjieg marġinali, li l-maġġoranza tagħhom huma nisa, mhumiex koperti minn benefiċċji tal-qgħad. Ir-rati għoljin tal-qgħad fost persuni b'livell baxx ta' ħiliet jindikaw potenzjal tas-suq tax-xogħol li mhuiwix jintuża biżżejjed. Aktar minn 44 % tal-persuni qiegħda kollha lestew biss skola bażika (sa skola sekondarja inferjuri, "*Pflichtschule*"). Il-politiki attivi tas-suq tax-xogħol li jinkoraġġixxu aktar nies biex jaħdmu jew ifittxu impjieg, inkluż opportunitajiet ta' taġlim tul il-ħajja, jibqgħu kruċjali biex jitwettaq il-potenzjal tax-xogħol ta' ħaddiema li ġejjin minn kuntest ta' migrazzjoni u adulti b'livell baxx ta' ħiliet. L-involvement tas-sħab soċjali fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet għal dawn il-politiki, minkejja li huwa tradizzjonalment b'saħħtu, ġie kkontestat.

(13) In-nuqqas ta' ħaddiema b'ħiliet speċjalizzati jindika l-ħtieġa li jsir aktar investment fl-  
edukazzjoni u t-taħriġ ġenerali. Ir-riżultati tat-tagħlim għal studenti żvantaġġati ma tjobux.  
Għad fadal distakk wiesa' fil-prestazzjoni bejn l-istudenti li ġejjin minn kuntest ta' migrazzjoni  
u dawk li mhumiex. It-testijiet nazzjonali fl-2016 urew li l-livell ta' ħiliet bażiċi huwa ta' sfida,  
peress li madwar kwart tal-istudenti tat-tmien sena ma jissodisfawx jew jissodisfaw biss  
parzjalment l-istandards edukattivi bil-Ġermaniż. Ir-riżultati għal dawk li ġejjin minn kuntest  
soċjoekonomiku dgħajjef u/jew ta' migrazzjoni f'it li xejn tjebeu fit-testijiet nazzjonali. L-  
ittestjar internazzjonali reċenti kkonferma wkoll distakk dejjem jikber għal dawk li ġejjin  
minn kuntest soċjoekonomiku baxx jew ta' migrazzjoni. Fil-Programm għall-Valutazzjoni  
Internazzjonali tal-Istudenti, l-istudenti mwielda fl-Awstrija jkollhom prestazzjoni aħjar mill-  
migranti tal-ewwel ġenerazzjoni b'livell ekwivalenti għal kważi tliet snin ta' skola. Ir-riformi  
reċenti tal-edukazzjoni jmorru parzjalment kontra l-isforzi ta' riforma preċedenti u mhumiex  
konformi mal-aqwa prattika tal-Unjoni u tal-OECD. F'dan il-kuntest, l-espansjoni tat-tagħlim  
matul il-ġurnata kollha naqset, u l-monitoraġġ u l-istreaming fl-iskola ġenerali qed jiġu  
intensifikati. L-investment huwa meħtieġ biex jiġu indirizzati r-riżultati mhux ugwali fl-  
edukazzjoni minħabba kuntest soċjoekonomiku jew ta' migrazzjoni. Filwaqt li l-Awstrija  
għandha prestazzjoni oġhla mill-medja fl-Unjoni fir-rigward tal-ħiliet diġitali taċ-ċittadini  
tagħha, hija qed taqa' lura wara l-pajjiżi bl-aqwa prestazzjoni. Hemm nuqqas dejjem jiżdied ta'  
ħaddiema bi kwalifiki fl-IT fl-ekonomija, minħabba li d-domanda dejjem tikber mhijiex  
issodisfata minn provvista suffiċjenti ta' gradwati fl-informatika.

- (14) L-Awstrija hija pajjiż li jinvesti ħafna fir-riċerka u l-iżvilupp, b'miri nazzjonali ambizzjużi. Madankollu, l-outputs fix-xjenza u fl-innovazzjoni mhumiex fil-livell ta' dawk ta' "Mexxejja tal-Innovazzjoni" tal-Unjoni<sup>8</sup>. Iż-żieda fl-investment fir-riċerka u l-iżvilupp ma tirriżultax b'mod sħiħ f'eżiti ta' innovazzjoni u ta' tkabbir fil-produttività. B'mod partikolari, l-Awstrija għandha prestazzjoni baxxa fejn jidħlu impjiegi f'ditti innovattivi li qed jikbru b'rata mgħaġġla. L-investment fir-riċerka u l-iżvilupp ikun aktar effettiv jekk jissarraf bis-sħiħ fi xjenza eċċellenti u innovazzjoni rivoluzzjonarja. Biex dan isir, aktar rabtiet bejn ix-xjenza u n-negozju jenħtieġ li jiġu ffaċilitati u l-kooperazzjoni dwar il-prijoritajiet ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti bejn reġjuni differenti u ma' pajjiżi oħrajn jenħtieġ li tiġi inkoraġġgħta. Barra minn hekk, aktar investment jista' jiġġenera kisbiet ewlenin fil-produttività u eżiti fl-innovazzjoni inkluż fl-ekoinnovazzjoni, il-kapaċità tal-innovazzjoni ta' impriżi żgħar u ta' daqs medju ("SMEs") u f'assi intanġibbli kumplementari.
- (15) Filwaqt li l-Awstrija għandha prestazzjoni aħjar mill-medja tal-Unjoni fil-progress ġenerali tad-diġitalizzazzjoni, hija ma tilħaqx il-livell tal-"Mexxejja tal-Innovazzjoni" fl-Unjoni. Dan jikkonċerna kemm l-użu ta' teknoloġiji diġitali kif ukoll l-iżvilupp tagħhom. Is-settur tal-informatika u tat-teknoloġija tal-Awstrija huwa relattivament żgħir u ma kienx suġġett għall-istess tkabbir bħal setturi simili fil-pajjiżi "Mexxejja tal-Innovazzjoni". Addizzjonalment, iż-żoni rurali għandhom nuqqas ta' konnettività b'veloċità għolja, li jżid id-differenza fil-kapaċitajiet ta' diġitalizzazzjoni u tal-innovazzjoni bejn ir-reġjuni. Jeżistu wkoll nuqqasijiet sinifikanti fir-rigward ta' infrastruttura diġitali fl-iskejjel, pereżempju għall-kopertura ta' netwerks ta' żona lokali bir-radju. L-Awstrija introduċiet xi programmi ta' finanzjament biex ittejjeb il-konnettività tal-internet b'veloċità għolja madwar il-pajjiż. It-tnedija mill-ġdid tal-istrateġija ġenerali tad-diġitalizzazzjoni tal-Awstrija toffri l-opportunità biex jiġu adottati miri u indikaturi u wkoll biex jiġi mmonitorjat il-progress fuq l-investment pubbliku u privat meħtieġ fid-diġitalizzazzjoni.

---

<sup>8</sup> Kif definit mit-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Innovazzjoni 2018 – *Mexxej tal-innovazzjoni*: SE, DK, FI, NL, UK, LU *Innovatur b'saħħtu*: DE, BE, IE, AT, FR, SI.

- (16) Iż-żieda fl-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u fis-sehem tar-riżorsi tal-enerġija rinnovabbli għandha ssaħħaħ il-potenzjal ta' tkabbir sostenibbli tal-Awstrija u tgħin biex jintlaħqu l-miri tal-pajjiż dwar il-klima u l-enerġija għall-2030. Madankollu, ser ikunu meħtieġa sforzi addizzjonali biex jintlaħqu dawn il-miri. Barra minn hekk, l-investment pubbliku fir-riċerka u l-iżvilupp fil-qasam tal-ambjent u tal-enerġija huwa anqas mill-medja tal-Unjoni. It-titjib fl-effiċjenza fl-enerġija u fl-użu tal-enerġija rinnovabbli fl-SMEs jgħin biex jitnaqqas il-konsum tal-enerġija. L-investment fir-rinnovazzjoni tal-bini, fil-ġenerazzjoni tal-elettriku rinnovabbli u fil-mobbiltà sostenibbli jista' jipprovdi spinta sinifikanti għall-ekonomija Awstrijaka. It-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari teħtieġ strateġija kumplessiva u żieda fl-investment min-negozji.
- (17) Minkejja żieda żgħira reċenti marbuta mal-klima ekonomika favorevoli, l-Awstrija għad ma rnexxilhiex tagħti nifs ġdid lit-tkabbir fil-produttività totali tal-fatturi u tħalli warajha l-istaġnar ta' għaxar snin f'dan il-mutur ewlieni ta' tkabbir ekonomiku u kompetittività. L-ingranaġġ għall-appoġġ tat-tkabbir tal-produttività huwa relatat mad-diġitalizzazzjoni tan-negozji, mat-tkabbir tal-kumpaniji u mal-kompetizzjoni fis-servizzi. Filwaqt li l-negozji l-kbar tal-Awstrija qed jadottaw teknoloġiji diġitali u mudelli kummerċjali b'pass mgħaġġel, in-negozji ż-żgħar tagħha għadhom lura. Id-diġitalizzazzjoni tad-ditti ż-żgħar, inkluż il-mikrointrapriżi, hija partikolarment importanti, minħabba li jiformaw is-sinġla tal-ekonomija Awstrijaka. L-assorbiment konsiderevoli tal-programm "*KMU Digital*" juri d-domanda u l-interess forst l-SMEs biex jiksbu parir dwar id-diġitalizzazzjoni. L-estensjoni u l-espansjoni ta' dan il-programm għandhom jgħinu, kif ukoll enfasi akbar fuq il-politika dwar id-diġitalizzazzjoni tan-negozju skont l-istrateġija ġenerali tad-diġitalizzazzjoni tal-Awstrija.

- (18) Għan-negozji li għadhom jibdew jew li jridu jikbru u b'mod partikolari kumpaniji innovattivi ħafna, l-isfidi strutturali fl-Awstrija jibqgħu. L-Awstrija għadha lura meta mqabbla ma' Stati Membri komparabbli fir-rigward tal-impjieġ f'ditti innovattivi li qed jikbru b'rata mgħaġġla. Dan jindika l-ħtieġa li jittejjbu l-kundizzjonijiet biex jikbru n-negozji innovattivi, li għadhom ostakolati minn fatturi bħal xenarju tal-kapital ta' riskju li huwa inqas żviluppat u differenti minn pajjiżi li huma "Mexxejja tal-Innovazzjoni". Il-finanzjament fi stadju iktar tard, bħal fil-forom ta' kapital ta' riskju u l-aċċess għas-swieq kapitali pubbliċi għat-tkabbir, huwa ta' diffikultà. Is-segment il-ġdid tal-SMEs fil-Borża ta' Vjenna huwa pass fid-direzzjoni t-tajba. Il-kumpaniji b'rata għolja ta' tkabbir huma kruċjali għat-tixrid ta' teknoloġiji u ta' mudelli kummerċjali ġodda, inkluż dawk diġitali, u b'hekk għat-tkabbir tal-produttività.
- (19) L-Awstrija għandha ostakli sinifikanti għall-aċċess u regoli restrittivi fuq l-eżerċizzju ta' servizzi tan-negozju u fuq il-professjonijiet regolati. Dawn jinkludu r-rekwiżiti ta' parteċipazzjoni azzjonarja, attivitajiet riżervati estensivi u restrizzjonijiet interdixxiplinari. L-ostakli regulatorji, speċjalment fir-rigward tal-operat ta' kuljum tal-ħwienet, jikkontribwixxu għall-iżvilupp relattivament dgħajjef tas-settur tal-bejgħ bl-imnut tal-Awstrija. Il-piż amministrattiv għoli jibqa' ta' tħassib urġenti għan-negozji tal-Awstrija. L-isforzi kontinwi biex jitnaqqsu l-piżijiet u l-evalwazzjoni ppjanata tar-regolamentazzjoni tal-kummerċ tal-Awstrija (*Gewerbeordnung*) huma strumenti importanti biex jindirizzaw din il-kwistjoni. Aktar kompetizzjoni fis-settur tas-servizzi tista' tikkontribwixxi wkoll biex tindirizza l-isfidi tal-Awstrija fit-tixrid tat-teknoloġiji diġitali u tal-mudelli kummerċjali.
- (20) Il-programmazzjoni tal-fondi tal-Unjoni għall-perjodu 2021-2027 jista' jgħin biex jiġu indirizzati xi wħud min-nuqqasijiet identifikati fir-rakkomandazzjonijiet, b'mod partikolari fl-oqsma koperti mill-Anness D tar-rapport tal-pajjiż tal-2019. Dan jippermetti li l-Awstrija tagħmel l-aħjar użu ta' dawn il-fondi fir-rigward tas-setturi identifikati, filwaqt li tqis id-differenzi reġjonali.

- (21) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-2019, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tal-Awstrija u ppublikatha fir-rapport tal-pajjiż għall-2019. Hija vvalutat ukoll il-Programm ta' Stabbiltà tal-2019, il-Programm ta' Riforma Nazzjonali tal-2019 u s-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lill-Awstrija fis-snin preċedenti. Il-Kummissjoni qieset mhux biss ir-rilevanza tagħhom għall-politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fl-Awstrija imma qieset ukoll il-konformità tagħhom mar-regoli u mal-gwida tal-Unjoni. Dan jirrifletti l-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni billi jingħata kontribut fil-livell tal-Unjoni għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri.
- (22) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà 2019 u huwa tal-opinjoni<sup>9</sup> li l-Awstrija hija mistennija tikkonforma mal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Awstrija tieġu azzjoni fl-2019 u l-2020 biex:

1. Tiżgura s-sostenibbiltà tas-sistemi tas-saħħa, tal-kura fit-tul u tal-pensjoni, inkluż billi taġġusta l-età statutorja tal-irtirar minħabba li huwa mistenni li l-istennija tal-għomor tiżdied. Tisimplifika u tirrazzjonalizza r-relazzjonijiet fiskali u r-responsabbiltajiet fis-safef kollha tal-gvern u tallinja r-responsabbiltajiet tal-finanzjament u tal-infiq.
2. Tmexxi t-taxxi lil hinn mix-xogħol għal fuq sorsi ta' inqas ħsara għat-tkabbir inklużiv u sostenibbli. Tappoġġa impjiegi full-time fost in-nisa, inkluż billi ttejjeb is-servizzi tal-kura tat-tfal, u ssaħħaħ l-eżiti tas-suq tax-xogħol għal daww b'livell baxx ta' ħiliet f'kooperazzjoni mas-sħab soċjali. Iżżid il-livelli ta' ħiliet bażiċi għal gruppi żvantaġġati, inkluż persuni li ġejjin minn kuntest ta' migrazzjoni.

---

<sup>9</sup> Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

3. Tiffoka politika ekonomika relatata mal-investment fuq ir-riċerka u l-iżvilupp, l-innovazzjoni, id-diġitalizzazzjoni u s-sostenibbiltà, filwaqt li jitqiesu d-disparitajiet reġjonali. Tappoġġa t-tkabbir tal-produttività billi tistimula d-diġitalizzazzjoni tal-intrapriżi u t-tkabbir tal-kumpaniji u billi tnaqqas l-ostakli regolatorji fis-settur tas-servizzi.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---